**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 766/97

Emmanuel Barbara

vs

Tabib Ewlieni tal-Gvern

Illum 11 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi r-rikorrent ilu jahdem mal-Gvern ta' Malta ghal dawn l-ahhar 28 sena mal-Water Works Department.

Illi l-kariga prezenti tar-rikorrent hija dik ta' fitter u qabel kien inkarigat jiehu hsieb il-gibjuni.

Illi fis-sena 1994 id-Dipartiment intimat hareg applikazzjonijiet biex jimtela’ l-post ta’ chargehand mal-Isptar San Luqa.

Illi r-rikorrent issottometta l-applikazzjoni tieghu biex jigu kkunsidrat f’din il-kariga offerta u fil-fatt huwa rcieva “acknowledgement” ghall-istess.

Illi fost il-kwalifiki rikjesti l-kariga offerta kienet titlob certi snin ta’ esperjenza.

Illi d-Dipartiment intimat mhux talli qatt ma baghat ghar-rikorrent ghall-interview izda l-applikazzjoni tieghu lanqas biss giet ikkunsidrata.

Illi fil-fatt il-post offert imtela’ minn persuna li kienet ilha hawn Malta ghal sitt xhur biss peress li din l-istess persuna qabel kienet emigrata l-Awstralja.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu, prevja li jisma’ l-provi mressqa dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att relattiv tas-sena 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, jiddeciedi billi jakkolji l-ilment imressaq u jordna li r-rikorrent ghandu jinghata l-post ta’ Chargehand bis-sehh minn 1994 jew fin-nuqqas taghti dak ir-rimedju alternattiv opportun inkluz dak ta’ kumpens pekunjarju li dan it-Tribunal ikun jidhirlu li jkun hekk xieraq u opportun.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-rispsta tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern li eccepixxa:-

Illi huwa ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi l-proceduri minn meta tohrog is-sejha ghall-applikazzjonijiet sa meta jinhatru nies sabiex jimlew postijiet vakanti li ghalihom jkunu applikaw, huma proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insindikabbli ai termini ta’ l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Dam jahdem f’dan id-dipartiment sas-sena 1971 meta kompla s-servizz tieghu mal-Water Works fil-kariga ta’ Fitter

(General Water Fitter). Fil-fatt mal-Water Services l-ewwel beda jahdem bhala Heavy Plant Driver – wara gie promoss ghal pipe fitter ghall-habta tas-sena 1974. Illi minn dak in-nhar sal-lum, huwa qatt izjed ma ha promotion u baqa' dejjem fil-kariga ta' pipe fitter.

Illi fis-sena 1994 id-Dipartiment tas-Sahha kien hareg applikazzjonijiet biex jimtela l-post ta' Chargehand mal-Isptar San Luqa; Wahda mill-kundizzjonijiet essenzjali biex jimtela dan il-post kienet li l-applikant prospettiv kellu jkollu 25 sena servizz f'dan it-tip ta' xoghol; huwa ssottometta l-applikazzjoni tieghu biex jigi kkunsidrat ghal din il-kariga liema applikazzjoni fil-fatt giet accettat u anke kien ircieva "acknowledgment" ghall-istess. Sostna li hadd mill-persuni li kienu applikaw ma kienu baghatu ghalihom ghal interview. Meta ir-rikorrent kien mar personalment sabiex jindaga x'kien gara mill-applikazzjoni tieghu u il-ghala ma kienux baghatu ghalih, l-unika sodisfazzjoni li tawh kienet fis-sens illi ma kienu baghatu ghal hadd peress illi l-Ministru koncernat kien ghogbu jingagga persuna partikolari li kienet gejja minna barra minn Malta u mhux tramite ghazla maghmula minn fost l-applikanti. Illi inoltre sa fejn jaf l-applikant, dina l-kariga kellha timtela u kienet intiza biss ghal persuni li gia kellhom hamsa u ghoxrin sena servizz fil-qasam rikjest u ghalhekk mhux suppost li kienet miftuha ghal kulhadd. Naturalment il-persuna li giet ingaggjata ma kellha ebda record ta' servizz mal-Gvern ta' Malta stante li sa ftit tax-xhur qabel ma gie mqabbad, dan kien emigrat l-Awstralja.

Ir-rikorrent in kontro ezami semma li meta applika ghal chargehand dak iz-zmien kien jiehdu hsieb il-gibjuni tal-ilma u kien jahdem mal-Water Works. Il-grad tieghu hemmhekk kien ta` fitter. Min hi l-persuna li giet mill-Awstralja ma jafux.

Ir-rikorrent ikkonferma li kellu hames snin esperjenza fil-plumbing. Ipprezenta document li juri li ilu General Water Fitter mill-1981. L-ewwel kien ghamel kors mal-Gvern li kien dam qisu xi tliet snin fejn kien hafna minnu xoghol prattiku. Kif spicca dan il-kors kienu tawh certifikat fl-1981. Journeyman Certificate m' ghandux pero` sostna li dan ic-certifikat huwa ekwivalenti. Ilu mill-1975 fil-qasam tal-ilma.

Frank Attard Senior Principal fil-Human Resources mad-Dipartiment tas-Sahha xehed li skond ricerka li ghamel rigward l-applikazzjoni ta' Chargehand Plumbing li kienet harget fid-9 ta' Dicembru 1993, f' dik l-applikazzjoni kien hemm sittax-il applikant. Kien hemm 12 minnhom ma kienux eligibbli skond paragrafu 6 tal-istess applikazzjoni jigifieri dawn ried ikollhom mill-anqas hames snin esperjenza fil-plumbing plus Journeyman Certificate. Kien hemm iehor ma kienx eligibbli wkoll ghax in the meantime kien irtira minn mal-Gvern u kien hemm tlieta li baghatu ghalihom. Issa minn dawn it-tlieta kien gie l-ewwel certu Mario Pisani u effettivament kien ha l-appointment min gie l-ewwel, Mario Pisani. Il-pozizzjoni ta' Emanuel Barbara skond ir-ricerka li ghamel ma

kienx eligibbli, kien wiehed minn dawk it-tnax li ma kienux eligibbli skond paragrafu nru. 6 tal-applikazzjoni, OPM Circular 102/93.

Ebda wiehed minn dawn it-12 li kienu kunsidrati mhux eligibbli fil-bord ma jidhru fil-final result sheet. Is-selection board bhas-soltu jkun appuntat mill-PSC. Is-selection bord ikun iddecieda jekk kandidat ossija applikant ikunx eligibbli jew le. Din hija parti minn xogholhom. Is-Selection Board kien iddecieda li Barbara mhux eligibbli fuq il-klawzola 6 pero` ghall-liema wahda miz-zewg ragunijiet jew jekk hux ghat-tnejn flimkien ma setax jghid.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-eccezzjoni tal-intimat hija li huwa ma hux legittimu kontradittur stante illi l-proceduri minn meta tohrog is-sejha ghall-applikazzjonijiet sa meta jinhatru nies sabiex jimlew postijiet vakanti li ghalihom jkunu applikaw, huma proceduri tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Dwar din l-eccezzjoni t-Tribunal gja iddecida fil-kawza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 fejn qal:

"Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva. Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Sostna li ebda Qorti ma tista' tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali

promozzjoni. Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

Il-kwistjoni jekk -

(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita' bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew

(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,

ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk….

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien

jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit". Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe':

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal. Importanti wkoll hi li l-istess

Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li  s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.  L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li: "Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:"

Il-fatt li rikors jigi iswtitwit kontra kap ta' Dipartiment u f'dan il-kaz kontra it-Tabib Principali tal-Gvern mhux necesarjament tirrifletti b'mod ikrah fuqu jekk stess it-tribunal jaqbel mat-talba. Il-proceduri jigu istitwiti kontra tieghu a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.  Jista' jkun li veru dik l-ingustizzja  tkun saret minn dak il-Kap, pero' facli li din ma tkunx saret minnu personalment izda minn predecessur tieghu, minn xi Bord ta' Ghazla, minn xi Ministru, minn xi subalterni tieghu, jew rizultat ta' cirkostanzi eccezzjonali li fil-konfront ta' individwu partikolari jistghu jammontaw ghal ingustizzja.

Illi ghalhekk jichad l-eccezzjoni ta' l-intimat."

Issa r-rikorrent applika ghal post ta' Chargehand (Plumbing) mad-Dipartiment tas-Sahha in segwitu ta' OPM Circular 102/93. Fost il-kundizzjonijiet li ghandha din ic-cirkolari hemm li klawsola 6 tghid:

6. Applicants must be:

a) in possession of at least five (5) years experience in plumbing; and

b) in possession of the Journeyman's Certificate or equivalent qualification in plumbing works.

Ir-rikorrent kien applika, ircieva acknowledgement, izda il-Bord ma baghatx ghalih. Skond is-Sur Attard – Senior Principal fil-Human Rsources mad-Dipartiment tas-Sahha tnax mill-applikanti ma kinux eligibbli u fosthom ir-rikorrent minhabba li ma kellhomx wahda jew t-tnejn mill-kundizzjonijiet imsemmija. Ghalhekk it-Tribunal jrid jara jekk mill-provi prodotti saritx ingustizzja meta il-Bord ma baghatx ghar-rikorrent. L-intimat lanqas biss jaf fuq liema bazi r-rikorrent gie eskluz (ghalkemm hemm indikat li minhabba klawsola 6 izda din ghandha zewg aspetti) u dan mhux sewwa ghax il-Bord kellu l-obbligu li jispecifika ghaliex applikant ma jkunx eligibbli.

Irrizulta li r-rikorrent hadem bhala Pipe Fitter mill-1974. Ir-rikorrent xehed li kellu l-hames snin esperjenza fil-plumbing. Esebixxa dokument (fol 32) li jipprova li kien General Water Fitter fi Grupp D mis-17 ta' Frar, 1981. Stqarr li Journeyman's Certificate m'ghandux izda sostna li "dan ic-certifikat huwa ekwivalenti". L-uniku "certifikat" li esebixxa huwa l-appointment tieghu esibit a fol

32 tal-process li hu biss appointment u mhux certifikat li b'ebda mod ma jipprova li hu ekwivalenti ghall-Journeyman's Certificate.

It-Tribunal fis-seduta tal-11 ta' Frar 2002 tramite verbal ghamilha cara kristal li hemm bzonn li ssir il-prova fuq dawn l-aspetti. Il-prova saret biss li r-rikorrent kien ghamel aktar mill-hames snin mitluba jahdem fil-plumbing, izda prova tac-certifikat jew ekwivalenti ma gabx. Inoltre l-prova trid tkun li dawn il-provi kien gabhom a konjizzjoni tal-Bord tal-Ghazla. Dan ma sarx. Ghal dawn il-motivi ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrent u jichadha.

Spejjez kontra r-rikorrent.